Izvorna jezična inačica ove stranice fr nedavno je izmijenjena. Naši prevoditelji trenutačno pripremaju jezičnu inačicu koju vidite. francuski

Sljedeći jezici: nl već su prevedeni.

Swipe to change

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Belgija

Din it-taqsima tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet Belġjan.

Službeni prijevod nije dostupan u jezičnoj verziji koju tražite.
Ovdje možete pristupiti strojnom prijevodu ovog sadržaja. Imajte na umu da je svrha tog prijevoda samo pružiti kontekst. Vlasnik ove stranice ne prihvaća nikakvu odgovornost ni obvezu u pogledu kvalitete strojno prevedenog teksta.

-----hrvatski-----bugarskišpanjolskičeškidanskinjemačkiestonskigrčkiengleskitalijanskilatvijskilitavskimađarskimalteški poljskiportugalskirumunjskislovačkislovenskifinskišvedski

X'għandu x'joffri r-reġistru tal-artijiet Belġjan?

L-informazzjoni dwar proprjetà immobbli fil-Belġju tinsab fid-dokumentazzjoni miżmuma minn uffiċċji ta' tliet tipi: ir-reġistru tal-artijiet imsejjaħ *(kadaster /cadastre),* l-uffiċċji tar-reġistrazzjoni *(registratiekantoren/bureaux de l'enregistrement)* u d-depożitarju tal-ipoteki *(hypotheekbewaringen/conservations d' hypothèques).* Dawn it-tliet sorsi ta' informazzjoni ġew miġbura flimkien fiċ-ċentru tad-dokumentazzjoni nazzjonali tal-proprjetà tal-Ministeru Federali tal-Finanzi *(Algemene Administratie van de Patrimoniumdocumentatie/Administration Générale de la Documentation Patrimoniale).*

Il-kompiti tar-reġistru tal-artijiet proprja u tal-uffiċċji tar-reġistrazzjoni prinċipalment, iżda mhux esklussivament, huma relatati mat-taxxa. Id-depożitarji tal-ipoteki huma responsabbli għar-reġistrar tad-drittijiet tal-proprejtà *in rem*: il-ħolqien u t-trasferiment *inter vivos* ta' drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli għandhom jiġu rreġistrati fid-depożitarju tal-ipoteki sabiex ikun inforzabbli kontra partijiet terzi li jaġixxu b'bona fidi.

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Belġjan huwa mingħajr ħlas?

Le, hemm ħlas li jrid isir sabiex jinkiseb tagħrif mid-dokumentazzjoni fir-reġistru tal-artijiet, l-uffiċċji tar-reġistrazzjoni u d-depożitarju tal-ipoteki. L-ammont ivarja skont it-tip ta' dokumentazzjoni kkonsultata u l-informazzjoni mitluba.

Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Belġjani

B'mod ġenerali, l-informazzjoni dwar proprjetà immobbli u/jew id-detenturi tad-drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli jistgħu jinstabu jew billi tidentifika proprjetà (l-indirizz u/jew in-numru ta' identifikazzjoni fir-reġistru tal-artijiet) jew billi jidentifika d-detentur tad-drittijiet *in rem* (isem u/jew numru tal-identità). Iċ-ċentru ta' dokumentazzjoni tal-proprjetà nazzjonali kkonkluda ftehimiet ma' ċerti gruppi professjonali (bħal nutara, servejers u aġenti immobiljari) dwar il-konsultazzjoni onlajn ta' ċerta dejta fid-dokumentazzjoni tar-reġistru tal-artijiet.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Belġjan

Id-dokumentazzjoni miżmuma mir-reġistru tal-art, l-uffiċċji tar-reġistrazzjoni u d-depożitarju tal-ipoteki inżammu minn qabel il-fondazzjoni tal-istat Belġjan. L-istorja mhix xi ħaġa statika: pjan biex jiġu integrati tliet sorsi tad-dejta f'post wieħed kważi wasal biex jitlesta u għandu jiġi implimentat fil-futur qrib.

L-aħħar aġġornament: 07/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.